Minuti tal-laqgħa numru tmienja u sittin (68) tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi, li nzammet nhar it-Tnejn, 20 ta' Mejju, 2024, fil-5.30pm, fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill, 7, Triq il-Parroċċa, l-Qrendi.

| | | |
|---|---|---|
| PREZENTI: | Is-Sur David Schembri | Sindku |
| | Is-Sur Patrick Bugeja | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Charles Zerafa | Kunsillier |
| | Is-Sa Marion Parnis | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Deputat Segretarju Ezekuttiv |
| ASSENTI: | Is-Sur Daniel Farrugia | Kunsillier |

68.01 **Qari tal-itti ta' apoloġija**

*Presedenza u ittri ta' Apoloġija*

Ittri ta' apoloġiji ma kienx hemm. Is-Sindku, is-Sur David Schembri, ppresjeda l-laqgħa u l-membri qalu t-talba flimkien.

68.02 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti numru sitta u sittin (67)**

*Minuti*

Il-Minuti tas-seduta numru sebgħa u sittin kienu meħuda b'moqrija, u proposti għall-vot mis-Sindku, is-Sur David Michael Schembri u ssekondati mis-Sa Marion Parnis. Dawn ġew approvati unanimament mingħajr korrezzjonijiet.

**Punti mill-Minuti**

*Kotba għal-librerija*

67.03.05 Dwar il-kotba li qed jinxtraw għal-librerija pubblika is-Sa Marion Parnis qalet li kienet talbet li s-somma tizdied aktar mill-€500 grant li se jkunu irkuprati mir-Reġjun Punent.

68.03 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

68.03.01 Is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri semma' l-kirja tal-garage li qed jinkera mingħand sidu fir-raħal stess. Hu qal li din il-kirja itterminat u talab jekk għandux jiġġedded il-kuntratt. Wara diskussjoni dwar dan in vista li t-tiġdid se jaffettwa l-kunsill ta' wara din il-leġislatura, se jkun mitlub sabiex jiġġedded pro rata xahar b'xahar. Fid-diskussjoni intqal illi kirja bl-istess prezz ta' tliet snin ilu, hija waħda tajba, la ma għolietx. Madankollu xorta waħda jkun hemm il-biza li jitfagħna 'l barra. Intant issemma illi kif jitlesta l-bini tal-kunsill il-ġdid, jista' jsir bieb ta' garage u jinqafel kollox għandna stess u ma jkunx hemm bzonn li noqgħodu nikru.

*Kirja ta' garage tal-Kunsill*

68.03.02 Is-Sindku, is-Sur David Schembri informa lill-kunsill illi tħabbar ir-rizultat tal-iskema tar-restawr. Il-KLR kien applika għar-restawr tal-faċċata tal-Ġnien tal-Kmand u li għalih ikkwalifikajna. F'okkazjoni oħra, is-Sindku qal illi kellu zjara mic-Chairman ta' Din l-Art Ħelwa fl-istess Ġnien tal-Kmand u kien rakkomandat illi dan il-ġnien ikun restawrat sabiex jerġa' jirritorna għall-glorja tiegħu u wkoll ikun sigur għal min izuru peress li hemm diffikultajiet bil-vaska miftuħa, ġebel spiċċut u qed jaqa' u l-bieba tal-ġiebja insikura. Madankollu kien deċiz unanimament illi napplikaw għad-devoluzzjoni ta' dan is-sit biex ikollna t-titlu tiegħu. Din id-deċizjoni ittieħdet wara li kienet proposta mis-Sindku u ssekondata mil-Viċi Sindku. Bl-istess mod kien approvat ukoll id-devoluzzjoni tal-blokka tal-Kunsill fi Triq Nicolo' Communet. Kien hemm deċizjoni unanima dwar dan is-sit ukoll.

*Skema Restawr*



Kunsill Lokali tal-Qrendi; 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi; Tel: 21680404; E-mail: qrend.lc@gov.mt;

| | | |
|---|---|---|
| 68.03.03 | Intant, is-Sindku, Is-Sur David Schembri qal illi għall-Festival tal-Patata kien hemm il-Ġnien tal-Kmand miftuħ u dan kien immoniterjat mil-ħaddiem tal-Kunsill, is-Sur Joseph Magri. Però qal li tezisti bye-law biex anke min jidħol hemm ġew minħabba xi okkazjoni bħal tieġ, iħallas. Hu zied jgħid illi hemm talba biex jinfetaħ fil-festa ta' Corpus għal photoshoots. | Ftuħ tal-Ġnien tal-Kmand |
| 68.03.04 | Is-Sindku, is-Sur David Schembri informa lill-kunsillieri illi applikajna għall-fondi hemm imsejħa tad-Development Fund (ex-UIF) biex jinksew bil-konkos bil-*pattern* l-isqaqien u nakkwistaw fondi mill-Awtorità tal-Ippjanar. Din l-applikazzjoni kienet *endorsed* mir-Reġjun Punent biex nieħdu sa massimu ta' 100% | Konkos fl-isqaqien |
| 68.03.05 | Is-Sur David Michael Schembri, s-Sindku, irrefera għal e-mail li għadha kemm daħlet minn għand il-Cultural Manager tar-Reġjun Punent dwar opportunità ta' fondi mis-Sovritendenza għall-Patrimonju Kulturali dwar restawr ta' Artifatti Mobbli. Din se tkun miflija u se naraw min jista' japplika; jekk tgħoddx għalina. Is-ceiling ta' din l-iskema hija ta' €8,000.00 | Skema ta' Artifatti Mobbli |
| 68.04 | **Mistoqsijiet tal-Kunsillieri** | |
| 68.04.01 | Is-Sur Charles Zerafa fi tmiem il-laqgħa ippropona biex Kunsill ġdid fil-leġislatura li jmiss jikkunsidra li tissemma' triq għal eks Sindku, is-Sur Carmelo Falzon. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. | Triq għas-Sur Carmelo Falzon |
| 68.05 | **Iffirmar ta' MOU mad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi**<br>Dan l-MOU kien iffiramat uffiċjalment f'laqgħa li saret fl-MFCC Ta' Qali. Bih, il-Kunsill se jkun jista' jagħmel xogħlijiet ta' portata imdaqqsa biex issir manutenzjoni fuq bankini, ħitan, patching, culverts ecc. | Manutenzjoni mill-PWD |
| 68.06 | **Skema ta' siġar fil-komunita' – għazla tas-sit**<br>Dwar l-iskema Ġonna is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri qal illi bħal issa mhux zmien idejali biex jitħawwlu s-siġar għaliex dawn ibatu ħafna fis-sħana tas-Sajf. Iz-zmien idejali jkun fl-aħħar ta' Settembru. Is-sit magħzul hu il-Karwija fejn qed jitpoġġa l-grass screed. Il-Kunsill fil-prinċipju jaċċetta izda rridu niddiskutu ma Infrastruttura Malta biex dawn jitħawwlu u jsir ftehim fuq it-tisqija tagħhom. | Skema ta' siġar |
| 68.07 | **Iffirmar ta' MOU ma' Project Green dwar Ġnien Nikol Aquilina**<br>Dwar dan l-MOU, is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri irrakkomandah għaliex se jieħdu ħsieb kollox Project Green, li fil-fatt ħawwluhom huma. Dan jinkludi it-tisqija u l-manutenzjoni. Ma kienx hemm oġġezzjoni dwar dan. | Ġnien Nikol Aquilina |
| 68.08 | **Approvazzjoni tal-Audited Financial Statements 2023**<br>Il-Financial Statements 2023 kienu approvati unanimament wara li kienu mressqa għall-vot mis-Sa Marion Parnis u ssekondati mis-Sur Charles Zerafa. | AFS 2023 |
| 68.09 | **Aġġornament - Festival tal-Patata 2024**<br>Dwar il-Festival Agrarju tal-Patata intqal illi tajjeb li dan kien tajjeb, meta wieħed iqis li kellna temp ħazin, kien f'election mode, kien hawn attività politika fiz-Zurrieq, vintage cars exhibition fil-Mosta, Tberik tal-Annimali f'Ħal Gharghur, Festa tal-Festi fil-Buskett u l-Expo f'Ta' Qali, però fil-futur għandhom jiddaħħlu aktar items biex dan il-festival ikollu revamp. Dwar il-bejgħ tal-ikel kien hemm kritika fuq il-ħelu li ġabu l-istands li ma kienux ta' sidien mir-raħal, oħra dwar nuqqas ta' display items fost l-NGO's tar-raħal, il-crowd puller, jiġifieri il-Buskers ma tantx intlaqgħu u intqal illi xi ħadd bħal Freddie Portelli kien aktar ikun ta' attrazzjoni. | Festival tal-Patata |
| 68.10 | **Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti SCH (25/3/24-22/4/24) u SCH 192**<br>Dwar l-iskeda tal-pagamenti kien hemm mistoqsija tas-Sur Charles Zerafa dwar il-performance bonus pay run tas-Sa Ritianne Giorgino. Id-DSE qal illi din peress li kienet spiċċat fl-2023 u l-performance bonus li jkun ukoll approvat mid-DLG | Skeda tal-Pagamenti |


*Kunsill Lokali tal-Qrendi; 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi; Tel: 21680404; E-mail: qrend.lc@gov.mt;*

f'Jannar 2024, inħolqot diffikultà biex jingħata minħabba s-software tal-payroll li kienet imdaħħla fih, li spiċċat fl-2023. Wara konsulta mal-Accountants tagħna, kien hemm prior-year adjustment fl-istess payroll u fl-FS5s tal-2023. Mistoqsija oħra li kien hemm kienet tittratta l-€1,000 tal-Corporate Social Responsibility li l-fondi mil-qliegħ tal-Films marru għand it-tfal f'attivitajiet li kienu organizzati. Intant l-iskedi tal-pagamenti kienu approvati b'vot unanimu.

68.11 **MOU – Trobbija tal-gamiem**
Dwar l-MOU fuq it-trobbija tal-ħamiem kien hemm qbil fil-prinċipju jiġifieri biex titkattar il-popolazzjoni tal-gamiem fil-magħluq u imbgħad jintefgħu fis-selvaġġ. Dwar sit fejn jista' jsir dan u aktar dettalji, wieħed irid jikkonsulta mal-istess konservazzjonisti tal-FKNK u nassiguraw ruħna li se jkun finanzjat għal kollox minnhom. MUO – Trobbija tal-ħamiem

68.12 Dwar il-Mistoqsija Parlamentari li saret dwar il-Berġa tal-Gvern intqal illi hija d-deċizjoni tal-Gvern li akkumpanjat l-istess mistoqsija parlamentari li tgħid illi fil-Qrendi u fl-Imqabba mhux se jkunu qed jiffunzjonaw minħabba arranġamenti alternattivi oħra. PQ – Berġa

68.13 Issemma' il-kaz fejn l-iskrivan tal-Kunsill ta bi zvista permess biex jaħdmu bil-makkinarju tqil fi Triq Gregorjo Mifsud fejn il-ħin kien suppost fit-8:00am u dan il-permess ingħata mis-7:00am. Dwar dan esprimew ħafna fehmiet diversi persuni (mhux il-kuntrattur) fuq il-paġna soċjali ta' facebook bl-iskrivan li kellu jmur jirranġa n-notifika on-site li sfortunatament lanqas din ma nftehmet. Permessi ta' Makkinarju fi Triq Gregorjo Mifsud

68.14 **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**
Il-laqgħa ntemmet fis-7:45pm u dik li jmiss se ssir nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Ġunju fil-17:30hr Aġġornament

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 28 ta' Ġunju 2024 minn David Michael Schembri

Deputat Segretarju Ezekuttiv Sindku


Kunsill Lokali tal-Qrendi; 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi; Tel: 21680404; E-mail: qrend.lc@gov.mt;